31978R0776

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 776/78

tat-18 t'April 1978

fuq l-applikazzjoni ta' l-aktar rata baxxa ta' rifużjoni fuq l-esportazzjoni tal-prodotti tal-ħalib u li jabroga u jemenda ċerti Regolamenti

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea;

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru804/68 tas-27 ta' Ġunju 1968 fuq l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-ħalib u prodotti tal-ħalib ([1]), kif ġie emendat l-aħħar mir-Regolament (KEE) Nru 2560/77 ([2]), u b'mod speċjali l-Artikolu 17(4) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 876/68 tat-28 ta' Ġunju 1968 li jistabilixxi regoli ġenerali għall-għoti ta' rifużjoni fuq l-esportazzjoni fuq il-ħalib u l-prodotti tal-ħalib u l-kriterji biex jiġu stabbiliti l-ammonti għal dawk ir-rifużjonijiet ([3]), kif ġie emendat l-aħħar mir-Regolament (KEE) Nru 2429/72 ([4]), u b'mod speċjali l-Artikolu 6(2) tiegħu,

Billi, biex ikunu ċari, ir-Regolamenti li jsegwu li għandhom bżonn jiġu emendati kemm il-darba għandhom jiġu abrogati u sostitwiti minn test wieħed:

— Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru1611/68 tal-15 t'Ottubru 1968 li jagħmel disposizzjoni speċjali għar-rata l-aktar baxxa tar-rifużjoni li tgħodd għall-esportazzjoni ta' ċerti kwalitajiet ta' ġobon lejn pajjiżi terzi ([5]), kif emendat mir-Regolament (KEE) Nru 2786/73 ([6]),

— Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1578/70 ta' l-4 t'Awissu 1970 li jagħmel disposizzjonjiet speċjali għar-rata ta' rifużjoni l-aktar baxxa fuq l-esportazzjonijiet tal-ġobon lejn pajjiżi terzi ([7]), u

— Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 518/76 tat-8 ta' Marzu 1976 li li jikkonċerna l-applikazzjoni ta' l-inqas rata ta' rifużjoni fuq l-esportazzjoni ta' prodotti tal-ħalib u li jabroga r-Regolament (KEE) Nru 2188/74 ([8]);

Billi l-Anness mar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1324/68 tad-29 t'Awissu 1968 jistabilixxi kundizzjonijiet speċjali għall-esportazzjoni ta' ċerti kwalitajiet ta' ġobon lejn l-Isvizzera ([9]), kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KEE) Nru 2786/73 ([10]), għandu jkun emendat biex jitqies il-fatt li fil-futur "Tilsit" u "Butterkäse" jaqgħu taħt is-subtitolu 04.04 E I b) 5 tat-Tariffa Komuni tad-Dwana meta jkunu esportati lejn pajjiżi li mhumiex membri;

Billi, fejn ir-rata tar-rifużjoni tvarja skond id-destinazzjoni, l-Artikolu 11(2) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru192/75 tas-17 ta' Jannar 1975 li jistabilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni għall-prodotti agrikoli ([11]), kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KEE) Nru 1469/77 ([12]), jistipula li l-parti tar-rifużjoni ikkalkolata skond l-inqas rata ta' rifużjoni li tkun tgħodd dakinhar li jintemmu l-formalitajiet tad-dwana rigwar l-esportazzjoni għandha titħallas meta tingħata prova li l-prodott ħalla t-territorju ġeografiku tal-Komunità;

Billi r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 441/69 ta' l-4 ta' Marzu 1969 li jistabilixxi regoli ġenerali oħra għall-għoti ta' rifużjonijiet fuq il-prodotti esposti għal sistema waħda ta' prezzijiet, esportati mhux ipproċessati jew fil-forma ta' ċerti prodotti mhux imsemmija fl-Anness II tat-Trattat ([13]), kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KEE) Nru 269/78 ([14]), jipprovdi, fit-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 2(4) u fl-Artikolu 3(1), għall-parti tar-rifużjoni ikkalkolata skond l-inqas rati li għandhom jitħallsu hekk kif il-prodott ikun inġab permezz ta' l-arranġament speċjali introdott mir-Regolament imsemmi;

Billi, skond il-ftehim speċjali ma' ħafna pajjiżi mhux membri, ir-rata tar-rifużjoni li tapplika għall-esportazzjoni lejn dawn il-pajjiżi fil-każ ta' ċerti prodotti tal-ħalib tista' tkun inqas, xi kultant għal livell sostanzjali, mil-livell ta' rifużjoni użat normalment; billi jista' jagħti l-każ li l-ebda rifużoni ma jkun iffissat;

Billi, f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-Isvizzera, ġew introdotti arranġamenti speċjali kemm permezz tar-Regolament (KEE) Nru1324/68 fil-każ ta' ċertui kwalitajiet ta' ġobon kif ukoll permezz tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2074/73 tal-31 ta' Lulju 1973 li jistabbilixxi kundizzjonijiet speċjali għall-esportazzjoni tal-ġobon ipproċessat lejn l-Isvizzera ([15]); billi sar ukoll ftehim speċjali għall-Awstrija rigward it-titolu Nru 04.04 mir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 102/78 tat-18 ta' Jannar 1978, li jistabilixxi kundizzjonijiet speċjali għall-esportazzjoni ta' ċerti kwalitajiet ta' ġobon lejn l-Awstrija ([16]); billi rata ta' rifużjoni speċjali tapplika ukoll għall-ġobon esportat lejn Spanja (Żona D), konformement mar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru1579/70 ta' l-4 t'Awissu 1970 li jistabilixxi kundizzjonijiet speċjali għall-esportazzjoni ta' ċertu ġobon fi Spanja ([17]), kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KEE) Nru1300/76 ([18]);

([1]) ĠU L 148, tat-28.6.1968, p. 13.
([2]) ĠU L 303, tat-28.11.1977, p. 1.
([3]) ĠU L 155, tat-3.7.1968, p. 1.
([4]) ĠU L 264, tat-23.11.1972, p. 1.
([5]) ĠU L 252, tas-16.10.1968, p. 14.
([6]) ĠU L 286, tat-13.10.1973, p. 15.
([7]) ĠU L 172, tal-5.8.1970, p. 25.
([8]) ĠU L 61, tad-9.3.1976, p. 7.
([9]) ĠU L 215, tat-30.8.1968, p. 25.
([10]) ĠU L 286, tat-13.10.1973, p. 15.
([11]) ĠU L 25, tal-31.1.1975, p. 1.
([12]) ĠU L 162, ta' l-1.7.1977, p. 9.
([13]) ĠU L 59, ta' l-10.3.1969, p. 3.
([14]) ĠU L 40, ta' l-10.2.1978, p. 7.
([15]) ĠU L 211, ta' l-1.8.1973, p. 8.
([16]) ĠU L 16, ta' l-20.1.1978, p. 8.
([17]) ĠU L 172, tal-5.8.1970, p. 26.
([18]) ĠU L 156, tas-17.6.1976, p. 14.

Billi l-ftehim speċjali għall-esportazzjonijiet lejn l-Isvizzera, l-Awstrija u Spanja jiżguraw li l-prodotti li rċevew rifużjoni għall-destinazzjonijiet oħra ma jkunux jistgħu jiġu esportati lejn dawn it-tliet pajjiżi; billi minħabba f'hekk, dawn il-ftehim speċjali għandhom jiġu kkunsidrati meta jiġu applikati l-disposizzjonijiet msemmija tar-Regolament (KEE) Nru192/75 biex l-esportaturi ma jkollhomx għalfejn jitgħabbew bi spejjeż żejda fil-kummerċ ma' pajjiżi oħra mhux membri, billi jiġi stipulat li, meta tiġi stabbilita r-rata ta' rifużjoni l-aktar baxxa, m'għandhux jittieħed kont tar-rati speċjali ta' rifużjoni stabbiliti għad-destinazzjonijiet partikulari imsemmija jew f'livell inqas mill-inqas rifużjoni li jgħodd għal pajjiżi oħra mhux membri, billi din l-eżenzjoni tinsab, ħlief fil-każ ta' l-Awstrija, fir-Regolamenti (KEE) Nru1611/68 u (KEE) Nru 1578/70;

Billi r-rata ta' rifużjoni l-aktar baxxa tista' tkun risultat ukoll min-nuqqas ta' ffissar ta' rifużjoni;

Billi fil-każ ta' l-esportazzjonijiet lejn l-Istati Uniti (Żona E) hemm każijiet fejn ir-rifużjoni ma ġiex iffissat għal ċerti prodotti tal-ħalib; billi jrid isir disposizzjoni anki għal eżenzjoni meta tkun qiegħda tiġi stabbilita ir-rata ta' rifużoni l-aktar baxxa fil-każijiet fejn il-miżuri mdaħħla fl-Istati Uniti jiżguraw li l-prodotti li bbenefikaw minn rifużoni għal destinazzjonijiet oħra ma jkunux jistgħux jiġu impurtati fiż-Żona E; billi l-esperjenza tgħallimna li l-prodotti msemmija fl-Anness II ta' dan ir-Regolament jistgħu jkunu koperti minn din l-eżenzjoni mhux biss fl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (KEE) Nru192/76 iżda anki dak ta' l-Artikolu 2(4) u 3 (1) tar-Regolament (KEE) Nru 441/69; billi dawn l-eżenzjonijiet għandhom jitneħħew fil-każ tal-prodotti li għalihom il-kundizzjonijiet t'hawn fuq m'għandhomx jintlaħqu; billi disposizzjoni bħal dan kien jinsab fir-Regolament (KEE) Nru 518/76;

Billi ż-Żoni ta' destinazzjoni D u E, li jikkorispondu ma' Spanja u l-Istati Uniti rispettivament, ġew imfissra fl-Anness għar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru1098/68 tas-27 ta' Lulju 1968, dwar regoli dettaljati għall-għoti ta' rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni fil-każ tal-ħalib u prodotti tal-ħalib [1], kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KEE) Nru 37/75 [2];

Billi l-miżuri li jinsabu f'dan ir-Regolament jaqblu mal-fehma tal-Kumitat ta' l-amministrazzjoni tal-Ħalib u l-Prodotti tal-Ħalib,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Meta ma' jiġix iffissat rifużjoni jew rifużjoni speċjali:

— iffissat għall-esportazzjoni tal-prodotti elenkati fl-Anness I lejn waħda mid-destinazzjonijiet elenkati fih,

— ir-rata ta' liema tkun aktar baxxa mill-aktar rata baxxa stabbilità għad-destinazzjonijiet l-oħra,

m'għandiex tittieħed in konsiderazzjoni meta tiġi stabbilita ir-rata ta' rifużjoni l-aktar baxxa skond it-tifsira ta' l-Artikolu 11 tar-Regolament (KEE) Nru 192/75.

Artikolu 2

Il-fatt li ma' jiġix iffissat r-rifużjoni għall-prodotti elenkati fl-Anness II, esportati lejn iż-Żona E, m'għandux jittieħed in konsiderazzjoni:

— meta tkun stabbilita r-rata ta' rifużjoni l-aktar baxxa skond it-tifsira ta' l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (KEE) Nru 192/75,

— meta jkun applikat l-aħħar subparagrafu ta' l-Artikoli 2(4) u 3 (1) tar-Regolament (KEE) Nru 441/69.

Artikolu 3

Fl-Anness I tar-Regolament (KEE) Nru 1324/68:

(a) is-subtitolu 04.04 E I b) 2 huwa imħassar permezz ta' dan ir-Regolament;

(b) is-subtitolu 04.04 E I b) 5 huwa emendat kif ġej permezz ta' dan ir-Regolament:

— il-kelma "Butterkäse" iddaħħlet qabel "Danbo",

— il-kelma "Tilsit" iddaħħlet wara "Saint-Paulin".

Artikolu 4

Ir-Regolamenti (KEE) Nru 1611/68, (KEE) Nru 1578/70 u (KEE) Nru 518/76 huma abrogati permezz ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 5

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fit-tielet ġurnata wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

[1] ĠU L 184, tad-29.7.1968, p. 10.
[2] ĠU L 5, tad-9.1.1975, p. 7.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fit-18 ta'April 1978.

Għall-Kummissjoni
Finn GUNDELACH
Viċi-President

ANNESS I

Intestatura Nru. TDK	Deskrizzjoni	Destinazzjoni
04.04	Ġobon u baqta	l-Awstrija Żona D (1)
04.04 D	Ġobon ipproċessat, mhux miħun jew magħmul trab: II. Ħlief għal dawk l-iġbna magħmulin mill-Emmentaler, Gruyère jew Appenzell	L-Isvizzera
ex 04.04 E I b) 5	Prodotti fil-lista ta' l-Anness I tar-Regolament (KEE) Nru 1324/68	l-Isvizzera

(1) Preskriti fl-Anness tar-Regolament (KEE) Nru. 1098/68.

ANNESS II

Intestatura Nru. TDK	Deskrizzjoni	Destinazzjoni
04.01	Ħalib u krema, friski, mhux konċentrati jew mogħtija l-ħlewwa	Żona E (1)
04.02	Ħalib u krema, preservati, ikkonċentrati jew mogħtija l-ħlewwa	Żona E (1)
04.03	Butir	Żona E (1)
23.07	Għalf mogħti l-ħlewwa; preparazzjonijiet oħra ta' tip użati fl-għalf ta' l-annimali: B. Solubili li m'humiex tal-ħut jew mammiferi tal-baħar, li jkollhom l-amtu, il-glukożju jew ix-xiropp tal-glukożju li jidħlu fis-subintestaturi 17.02 B u 21.07 F II, jew prodotti tal-ħalib: I. Li jkollhom l-amtu, il-glukożju jew ix-xiropp tal-glukożju: a) Li ma jkollhomx amtu jew ikollhom 10 % jew anqas fil-piż, tal-lamtu: 3. Li jkollhom 50 % jew iżjed imma anqas minn 75 % fil-piż, ta' prodotti tal-ħalib 4. Li jkollhom 75 % jew iżjed, fil-piż, ta' prodotti tal-ħalib II. Li ma jkollhomx l-amtu, il-glukożju jew ix-xiropp tal-glukożju, imma jkollhom prodotti tal-ħalib	Żona E (1)

(1) Preskritt fl-Anness tar-Regolament (KEE) Nru 1098/68.